



12.7.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 1021/2003, imressqa minn Alexandra Pentaraki (ta' nazzjonalita' Griega), dwar ir-rikonoxximent ta' gradi universitarji barranin fil-Greċja**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonanta tixtieq li l-grad ta' baċċellerat li kisbet fil-psikoloġija mill-kulleġġ privat Amerikan fil-Greċja u l-grad ta' Masters Brittaniku tagħha jiġu rikonoxxuti fil-Greċja sabiex tkun tista' tkompli l-istudji universitarji tagħha. Hija qiegħda tgħid sal-1999 gradi bħal dawn kienu jiġi aċċettati bla problemi mill-Istat Grieg, iżda issa m'għadhomx rikonoxxuti aktar.

### 2. Ammissibilità

Dikjarata ammissibbli fis-6 ta' April 2004. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni skont l-Artikolu 175(4) tar-Regoli ta' Proċedura.

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 6 Lulju 2004.

Il-petizzjonanta, li hija Griega, studjat il-psikoloġija f'kulleġġ privat Amerikan f'Tessaloniki u kompliet l-istudji tagħha fir-Renju Unit fejn kisbet il-grad ta' Masters fl-Università ta' Essex. Hija membru rreġistrat mal-British Psychological Society u hija intitolata taħdem ta' assistenta psikologa fir-Renju Unit.

Il-petizzjonanta qiegħda tilmenta li l-istat Grieg ma jirrikonoxxix il-Kulleġġ Amerikan ta' Tessaloniki. Hija esprimiet ix-xewqa li l-kwalifiki tagħha jiġu rrikonoxxuti fil-Greċja ħalli tkun tista' tkompli tistudja.

Hemm żewġ tipi ta' proċeduri ta' rikonoxximent ta' kwalifiki u kull proċedura għandha għan differenti: waħda hi l-proċedura ta' rikonoxximent akkademiku u l-oħra hi l-proċedura ta' rikonoxximent professjonali. Ir-rikonoxximent akkademiku, li jidher li hu s-suġġett ta' din il-

petizzjoni, għandu l-għan li jippermetti lill-istudenti jsegwu l-istudji tagħhom fi Stat ieħor. Ir-rikonoxximent professjonali għandu l-għan li jħaffef il-moviment ħieles tal-ħaddiema fl-UE. Dan jirrigwarda l-għarfien ir-rikonoxximent tal-kwalifiki meħtieġa għall-aċċess għall-professjonijiet fl-Istati Membri differenti u huwa rregolat mil-liġi Komunitarja (prinċipalment mid-direttivi 89/48/KEE<sup>1</sup> u 92/51/CEE).

F'dan il-każ, għalkemm il-petizzjonanta għandha grad ta' Masters Brittaniku fil-psikoloġija u hija membru rreġistrat tal-British Psychological Society, u dan jidher li jindika li jista' jkun li għandha kwalifika professjonali fis-sens tad-Direttiva 89/48/KEE u li forsi tista', għalhekk, tkun eliġibbli biex tibbenefika minn din id-Direttiva, ma jidhirx illi din il-petizzjonanta qiegħda titlob xi rikonoxximent professjonali.

Għall-kuntrarju, ir-rikonoxximent tad-diplomi għall-finijiet akkademiċi jaqa' fl-ambitu tal-kompetenza tal-Istati Membri. M'hemm l-ebda regola tal-Komunità li timponi r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, għax kull Stat Membru huwa responsabbli mill-kontenut u mill-organizzazzjoni tas-sistema edukattiva tiegħu.

F'dan il-kuntest, l-universitajiet bħala istituzzjonijiet awtonomi huma kompletament responsabbli mill-kontenut tal-kurrikuli tagħhom u mill-għoti ta' diplomi u ta' ċertifikati lill-istudenti tagħhom. L-awtoritajiet tal-Istati Membri għandhom id-dritt li jevalwaw jekk l-edukazzjoni li l-persuna diplomata tkun irċiviet tkunx tabilħaqq tikkorrispondi mal-livell meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Istati Membri huma daqstant ieħor ħielsa li jiffissaw ir-regoli li jirregolaw din it-tip ta' proċedura. Madankollu, b'mod konformi mal-Artikolu 12 tat-Trattat, huma obbligati li ma japplikaw l-ebda diskriminazzjoni diretta jew indiretta fuq bażi ta' nazzjonalità.

Mill-informazzjoni inkluża fil-petizzjoni, ma huwiex ċar jekk il-petizzjonanta kkuntattjatx lill-awtorità nazzjonali kompetenti fir-rikonoxximent akkademiku ta' diplomi (DIKATSA) u jekk (u fuq liema bażi) id-DIKATSA għażlitx li ma tirrikonoxxi d-diplomi tagħha. Għalhekk is-servizzi tal-Kummissjoni se jikkuntattjaw lill-petizzjonanta ħalli jiċċaraw il-fatti tas-sitwazzjoni tagħha. Wara li tkun kisbet l-informazzjoni kumplimentari, il-Kummissjoni se tqis jekk kienx hemm vjolazzjoni tal-liġi Komunitarja.

Wara li jkunu saru l-kjarifiki msemmija hawn fuq, is-servizzi tal-Kummissjoni se jżommu lill-Parlament Ewropew infurmat dwar l-evoluzzjoni ta' din il-petizzjoni.

#### **4. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-18 ta' Awwissu 2005**

Is-servizzi tal-Kummissjoni kkuntattjaw lill-petizzjonanta fis-27/07/2004 (ref. D(04)18633) u

---

<sup>1</sup> Għandu jifhem li d-Direttiva 89/48/KEE dwar sistema ġenerali ta' rikonoxximent tad-diplomi tal-edukazzjoni superjuri li jingħataw wara t-tlestija ta' edukazzjoni u taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin huwa applikabbli biss jekk il-migrant ikun professjonist ikkwalifikat bis-sħiħ fl-Istat Membru tal-orijini tiegħu u jkun jixtieq jeżerċita l-istess professjoni fi Stat Membru ieħor. Fid-dawl tal-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni Ewropea, il-petizzjonanta ma tistax titqies professjonista kkwalfikata bis-sħiħ fir-Renju Unit għaliex m'għandhiex il-kwalifika ta' psikologa klinika li tikkorrispondi, fil-Greċja, mal-professjoni ta' psikologa. Fuq din il-bażi, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Griegi ma tmurx kontra l-liġi Komunitarja.

spjegawilha r-regoli li jirregolaw ir-rikonoxximent akkademiku tal-kwalifiki. Il-petizzjonanta ntabet tiċċara jekk kinitx diġà kkuntattjat lid-DIKATSA, li hija l-awtorità Griega kompetenti fir-rikonoxximent akkademiku tal-kwalifiki. Intalbet ukoll tibgħat lill-Kummissjoni kull korrispondenza li kellha mad-DIKATSA kif ukoll id-dokumenti rilevanti kollha li jsemmu r-raġunijiet li wasslu għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki tagħha.

Il-petizzjonanta wiegħbet fl-on 24/8/2004. Filwaqt li ma bagħtet l-ebda dokument rilevanti lill-Kummissjoni, hija qalet li r-raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki li għandha hija li l-istudji universitarji tagħha ma sarux f'università pubblika Griega iżda f'kulleġġ privat li mhuwiex irrikonoxxut mill-istat Grieg. Il-petizzjonanta rreferiet ukoll għal-liġi Griega li allegatament tiddikjara li d-DIKATSA tirrikonoxxi l-grad ta' Masters miksuba qabel l-1997 iżda mhux dawk miksuba wara. Hija tqis li dan huwa trattament inġust ma' dawk l-istudenti li kisbu l-grad ta' Masters tagħhom wara l-1997.

Il-fajl tal-petizzjonanta baqa' mhux komplut. Is-servizzi tal-Kummissjoni kkuntattjawha għat-tieni darba fid-19/09/2004 u għarrfuha li d-DIKATSA hija l-awtorità responsabbli mit-teħid tad-deċizzjonijiet formali dwar l-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent tal-kwalifiki. Għaldaqstant talbuha tgħaddilhom it-trasmissjoni tad-deċizzjoni tad-DIKATSA jew kwalunkwe dokument rilevanti ieħor. Talbuha wkoll tibgħat lill-Kummissjoni kopja tal-liġi li rreferiet għaliha, sabiex ikunu jistgħu jagħtu tweġiba għad-domandi magħmula fid-dawl tal-elementi meħtieġa kollha.

Għarrfuha wkoll li l-kwistjonijiet tan-nuqqas ta' r-rikonoxximent mill-istat Grieg tal-kulleġġ inkwistjoni li kienet studjat fih hija kwistjoni li taqa' fl-ambitu tal-kompetenza tal-Istati Membri.

Għalhekk is-servizzi tal-Kummissjoni għadhom qed jistennew lill-petizzjonanta tikkompleta l-fajl tagħha bid-dokumenti meħtieġa, sabiex il-PE ikun f'qagħda li jagħti tweġiba rigward dak li għandu x'jaqsam mal-kwistjoni tar-rikonoxximent akkademiku.

Il-petizzjonanta qed tgħid ukoll illi minkejja li talbet lill-awtoritajiet Griegi biex jirrikonoxxu b'mod professjonali l-kwalifiki li kisbet, dan baqa' ma sarx.

## **5. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-3 ta' Lulju 2006**

Il-petizzjonanta, li hija Griega, studjat il-psikoloġija f'kulleġġ privat Amerikan f'Tessaloniki. Imbagħad emigrat fir-Renju Unit, fejn kisbet grad ta' Masters fl-Università ta' Essex. Il-petizzjonanta qiegħda tilmenta li l-awtoritajiet Griegi ma jirrikonoxxux il-Kulleġġ Amerikan ta' Tessaloniki. Hija tixtieq li l-kwalifiki tagħha jiġu rrikonoxxuti sabiex tkun tista' tkompli l-istudji tagħha fil-Greċja.

Is-servizzi tal-Kummissjoni diġà kkuntattjaw lill-petizzjonanta diversi drabi matul l-2004 u l-2005. F'dawn l-ittri l-petizzjonanta kienet mgħarrfa b'dan li ġej:

- Peress li l-fajl ma kienx komplut, il-Kummissjoni talbet lill-petizzjonanta tibgħat lill-Kummissjoni d-deċizzjoni uffiċjali tad-DIKATSA li tiddikjara r-raġunijiet preċiżi għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki, kif ukoll kwalunkwe korrispondenza jew dokumenti oħrajn rilevanti.

- Ir-rikonoxximent tad-diplomi għall-finijiet akkademiċi jaqa' fl-ambitu tal-kompetenza tal-Istati Membri. Kull Stat Membru huwa responsabbli mill-kontenut u mill-organizzazzjoni tas-sistema edukattiva tiegħu. Għaldaqstant l-awtoritajiet nazzjonali għandhom kull dritt jitolbu r-rikonoxximent akkademiku tal-kwalifiki qabel ma jagħtu aċċess għas-sistema edukattiva tan-nazzjon tagħhom. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jisthju jevalwaw jekk l-edukazzjoni li l-persuna diplomata tkun irċiviet tkunx tabilħaqq tikkorrispondi mal-livell meħtieġ mil-leġislażzjoni nazzjonali. L-Istati Membri huma daqstant ieħor ħielsa li jiffissaw ir-regoli li jirregolaw din il-proċedura. Madankollu, b'mod konformi mal-Artikolu 12 tat-Trattat, kwalunkew diskriminazzjoni diretta jew indiretta fuq bażi ta' nazzjonalità hija pprojbita. Mill-informazzjoni li bagħtet il-petizzjonanta, ma jidherx li saret xi diskriminazzjoni bħal din.

Fit-tweġiba tagħha tal-24.08.04, il-petizzjonanta qalet li r-raġuni għan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-kwalifiki li għandha hija li l-istudji universitarji tagħha ma sarux f'università pubblika Griega iżda f'kulleġġ privat li mhuwiex irrikonoxxut mill-istat Grieg. Madankollu hija ma bagħtitx lill-Kummissjoni d-deċiżjoni finali tad-DIKATSA jew xi dokument rilevanti ieħor.

Fid-19.01.06 l-petizzjonanta għarrfet lill-Kummissjoni li l-avukat Grieg tagħha qalilha li huwa kien tal-fehma li skont il-leġislażzjoni Griega l-kwalifiki tagħha ma jistgħux jiġu rrikonoxxuti mid-DIKATSA.

Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-petizzjonanta fis-27.01.2006. Il-Kummissjoni għarrfet lill-petizzjonanta li ma għandha l-ebda raġuni biex tintervjeni f'dan il-każ. Ir-raġunijiet huma dawn li ġejjin:

- Id-Direttiva 89/48/KEE mhix applikabbli. Din id-direttiva hija applikabbli biss jekk il-migrant ikun professjonist ikkwalifikat bis-sħiħ fl-Istat Membru tal-oriġini tiegħu u jkun jixtieq jeżerċita l-istess professjoni fi Stat Membru ieħor. Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-petizzjonanta ma tistax titqies professjonista kkwalfikata bis-sħiħ fir-Renju Unit għaliex m'għandhiex il-kwalifika ta' psikologa klinika li tikkorrispondi, fil-Greċja, mal-professjoni ta' psikologa. Fuq din il-bażi, id-deċiżjoni tal-awtoritajiet Griegi ma tmurx kontra l-liġi Komunitarja.
- Id-diploma li għandha l-petizzjonanta hija diploma ta' pajjiż terz, u għalhekk l-awtoritajiet Griegi għandhom il-kompetenza sħiħa biex jevalwaw jekk din id-diploma tistax titqies bħala ekwivalenti għal diploma Griega.
- Għaladarba l-petizzjonanta ma ressqitx lill-Kummissjoni d-deċiżjoni finali tad-DIKATSA, il-Kummissjoni għadha ma tafx jekk l-awtorità Griega kompetenti diġà ħaditx xi deċiżjoni formali dwar l-applikazzjoni tal-petizzjonanta. Għalhekk il-Kummissjoni ma tinsabx f'qagħda li tiġġudika minn qabel id-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti Griegi dwar l-applikazzjoni tal-petizzjonanta għar-rikonoxximent akkademiku tal-kwalifiki tagħha.

## 6. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-12 ta' Lulju 2010

### Il-petizzjoni

Il-petizzjonanta, li hija Griega, studjat il-psikoloġija biex tikseb grad ta' Baċċellerat f'kulleġġ privat Amerikan f'Tessaloniki u kompliet l-istudji tagħha fir-Renju Unit fejn kisbet il-grad ta' Masters fl-Università ta' Essex. Hija membru rreġistrat mal-British Psychological Society u kienet intitolata taħdem ta' assistenta psikologa fir-Renju Unit. Hija nġhatat ukoll il-grad ta' PhD f'Lulju 2008 mill-King's College, fl-Università ta' Londra. Fl-ittra tagħha tas-26 ta' April 2009, hija għarrfet lill-Kummissjoni li hija nġhatat l-istatus ta' Chartered Psychologist mill-British Psychological Society, li jfisser illi issa hija tista' taħdem b'mod indipendenti u mhux biss bħala assistenta psikologa.

Fil-bidu l-petizzjonanta kkontestat il-fatt li l-Istat Grieg ma rrikonoxxiex il-Baċċellerat li kien inħarġilha mill-Kulleġġ Amerikan ta' Tessaloniki. Hija kienet esprimiet ix-xewqa li l-kwalifiki tagħha jiġu rrikonoxxuti fil-Greċja ħalli tkun tista' tkompli tistudja.

Fil-korrispondenza preċedenti, il-Kummissjoni għarrfet lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet dwar l-evoluzzjoni tal-istħarriġ tagħha rigward dan il-każ. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet irrimarkat illi abbażi tal-informazzjoni disponibbli, il-petizzjonanta ma tistax titqies professjonista kkwalifikata bis-sħiħ fir-Renju Unit għaliex m'għandhiex il-kwalifika ta' psikologa klinika li tikkorrispondi, fil-Greċja, mal-professjoni ta' psikologa. Inkwantu rrikonoxximent akkademiku, il-Kummissjoni spjegat li l-istat attwali tad-liġi tal-UE dwar din il-kwistjoni jħalli r-responsabbiltà mill-organizzazzjoni tas-sistemi edukattivi u allura mirrikonoxximent akkademiku fidejn l-Istati Membri u mhux fidejn l-istituzzjonijiet tal-UE. Abbażi ta' dawn l-argumenti, il-fajl ġie magħluq mill-Kumitat għall-Petizzjonijiet fl-2006.

Sussegwentement, il-petizzjonanta ilmentat kontra l-pubblikazzjoni ta' data personali tagħha fil-websajt tal-Parlament Ewropew li kienet saret b'referenza għall-petizzjoni tagħha, u baġtet informazzjoni ġdida u talba ġdida lill-Kummissjoni Ewropea (l-ittra msemmija hawn fuq tas-26 ta' April 2009) u lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi l-ġodda, fi Frar 2010 l-Kumitat għall-Petizzjonijiet iddeċieda li jerġa' jiftaħ il-każ.

Fiż-żewġ talbiet attwali tagħha, il-petizzjonanta talbet biex isir aġġornament tal-websajt tal-Parlament Ewropew fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-kwalifiki akkademiċi u professjonali l-ġodda tagħha,<sup>1</sup> u biex dawn il-kwalifiki jiġu rrikonoxxuti fil-Greċja.

### Il-kummenti tal-Kummissjoni

Fuq l-ewwel punt (il-pubblikazzjoni ta' data personali tal-petizzjonanta fil-websajt tal-

---

<sup>1</sup> L-aħħar ittra tagħha lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet tat-30 ta' Marzu 2010 hija ffirmata kif ġej:  
Dr Alexandra Pentaraki PhD, CPsychol  
Clinical Psychologist-Neuropsychologist  
Honorary Visiting Research Fellow  
Institute of Psychiatry King's College London  
Division of Psychological Medicine  
De Crespigny Park, London  
Scientific Fellow  
Psychiatric Department  
Hippocraton General Hospital  
Thessaloniki, Greece

Parlament Ewropew mingħajr avvizz minn qabel lill-persuna kkonċernata), il-Kummissjoni għaddiet l-ittra tal-petizzjonanta, għall-kompetenza, lill-Kumitat għall-Petizzjonijiet u għarrfet lill-petizzjonanta dwar dan.

Fuq it-tieni punt (ir-rikonoxximent), il-Kummissjoni għarrfet lill-petizzjonanta dwar is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Ottubru 2008, *il-Kummissjoni vs il-Greċja*, każ C-274/05, li ttrattat problemi relatati ma' nuqqas ta' rikonoxximent ta' diplomi fil-Greċja. Il-Greċja naqset milli tirrispetta l-obbligi tagħha skont id-Direttiva 89/48, li wara kienet ġiet issostitwita mid-Direttiva 2005/36/KE, dwar ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali. Filfatt fl-imgħoddi l-Greċja kienet ċaħdet immedjatament kull talba li saritilha u ma qabblitx il-kwalifiki barranin mal-ħtiġijiet tal-kwalifiki domestiċi.

#### *Inkwantu r-rikonoxximent akkademiku:*

Fil-fajl tal-petizzjoni li nfetaħ mill-ġdid, hemm żewġ deċiżjonijiet tad-DOATAP (l-awtorità Griega responsabbli mir-rikonoxximent ta' gradi universitarji jew teknoloġiċi li jingħataw minn Istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Superjuri akkreditati barra l-pajjiż), dwar ir-rikonoxximent akkademiku:

- id-deċiżjoni numru 25 1-2964 tad-19 ta' Novembru 2009 tirrifjuta r-rikonoxximent tal-grad ta' PhD tal-petizzjonanta, fuq il-bażi tan-nuqqas ta' rikonoxximent tal-Baċellerat tagħha li kienet kisbet minn kulleġġ privat f'Tessaloniki.
- id-deċiżjoni numru 25 1-2970 tad-19 ta' Novembru 2009 tirrifjuta r-rikonoxximent tal-grad ta' Masters tal-petizzjonanta, abbażi ta' motivazzjoni simili.

Madanakollu, silta partikulari mill-istqarrija tad-DOATAP tat-18 ta' Jannar 2010 tagħti l-impressjoni li jista' jkun hemm modifikazzjoni tal-prattika tad-DOATAP f'dan ir-rigward.

Fit-8 ta' Marzu l-petizzjonanta ressqet talba lid-DOATAP biex tikkunsidra mill-ġdid dawn id-deċiżjonijiet.

Il-Kummissjoni tirrimarka li l-mottiv prinċipali li wassal lill-petizzjonanta biex titlob ir-rikonoxximent akkademiku tal-kwalifiki tagħha kien il-possibilità li tkompli l-istudji tagħha. Ġaladarba hija laħqet l-oġhla livell billi kisbet il-grad ta' PhD, dan il-mottiv issa ma għadux iżjed validu. Għaldaqstant, kif jirriżulta mid-dokumenti kollha tal-fajl tagħha, f'dan l-istadju l-unika kwistjoni importanti għaliha hija r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali tagħha.

#### *Inkwantu r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali:*

L-istrument legali li jirregola r-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali huwa d-Direttiva 2005/36/KE. Bħalissa din id-Direttiva qed tiġi evalwata mid-DG Suq Intern u Servizzi sal-2011. Id-Direttiva tapplika bil-kundizzjoni li l-professjoni tkun irregolata fl-Istat Membru ospitanti. Fil-Greċja l-professjoni ta' psikologu hija rregolata, u skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2005/36/KE, din teħtieġ diploma ta' livell post-sekondarju (3-4 snin).

Fl-UE l-professjoni ta' psikologu mhix armonizzata. Għalhekk ir-rikonoxximent ta' kwalifika ta' psikologu huwa bbażat fuq id-dispożizzjonijiet ta' dik li tissejjaħ is-sistema ġenerali, kif

stipulat fit-Titolu III, Kapitolu I tad-Direttiva. L-raġuni fundamentali ta' din is-sistema hija li l-Istat Membru ospitanti għandu jippermetti li ċ-ċittadini tal-UE jeżerċitaw professjoni fit-territorju tiegħu, anki jekk dawn ma jkollhomx id-diploma meħtieġa skont ir-regoli domestiċi, kemm-il darba huma jkollhom id-diploma meħtieġa fi Stat Membru ieħor biex ikun jistgħu jibdwu u jkomplu jaħdmu fl-istess professjoni. Madankollu d-Direttiva ma tobbligax lill-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod awtomatiku ;-kwalifiki professjonali ta' psikologu. Fejn ikun hemm differenzi sostanzjali bejn l-edukazzjoni u t-taħriġ tal-migrant (fit-tul tal-perjodu jew fil-firxa tal-attivitàjiet) u r-rekwiżiti meħtieġa fl-Istat Membru ospitanti, dan tal-aħħar jista' jimponi miżura kompensatorja fuq il-migrant, bħal perjodu ta' adattament jew eżami tal-kompetenza. Madankollu huwa kompitu tal-migrant u mhux tal-Istat Membru li jagħżel miżura minn fost dawn it-tnejn.

B'konformità mal-Artikolu 14(4) tad-Direttiva 2005/36/KE, *"suġġetti sostanzjalment differenti" tfisser suġġetti li l-għarfien tagħhom huwa essenzjali għall-eżerċizzju tal-professjoni u li fir-rigward tagħhom it-taħriġ li l-migrant irċieva juri differenzi importanti fir-rigward tal-perjodu jew il-kontenut mit-taħriġ meħtieġ mill-Istat Membru ospitanti.*

Huwa kompitu tal-awtoritajiet kompetenti Griegi li jispjegaw u juru li-ċittadin li jkun qed jagħmel it-talba li jkun hemm differenzi sostanzjali bħal dawn meta jistiednu lill-petizzjonant jikkonformaw ma' miżuri ta' kumpens eventwali. F'konformità mas-sentenza tal-Qorti ta' Ottubru 2008 msemmija hawn fuq, il-Greċja ma tistax tiċħad it-talba minnufih.

Fid-deċizzjoni tagħha datata 29 ta' Settembru 2009, l-awtorità Griega responsabbli mirrikonoxximent ta' kwalifiki professjonali indikat illi l-programmi ta' studju (il-kurrikuli) li segwiet il-petizzjonanta biex kisbet il-grad tagħha fihom differenzi sostanzjali apparagun mal-programmi korrispondenti ta' studju tal-fergħat korrispondenti tal-universitajiet Griegi, u barra dan, indikat ukoll illi l-esperjenza professjonali li hija kisbet fis-City College kienet relatata mat-tagħlim u mhux mal-eżerċitar tal-professjoni; dwar il-tagħlim, l-awtorità sabet li l-petizzjonanta ma tgħallimx dwar kwistjonijiet relatati man-nuqqasijiet miskuba fit-taħriġ akkademiku tagħha. L-awtorità kompetenti Griega waslet għall-konklużjoni li l-petizzjonanta għandha lakuni fl-edukazzjoni tagħha u ddeċidiet, b'mod unanimu, li timponi miżuri kompensatorji fl-oqsma li ġejjin: (1) Psikometrija u (2) Psikoloġija Klinika. Alternattivament, jekk minflok l-eżami ta' kompetenza f'dawn il-materji l-petizzjonanta tagħżel li ssegwi perjodu ta' adattament, l-awtorità iddeċidiet li dan il-perjodu għandu jkun ta' sitt xhur.

Il-Kummissjoni mhijiex f'qagħda li tevalwa d-dettalji tekniċi tal-kwalifiki nazzjonali jew id-dettalji tar-rekwiżiti għall-aċċess għall-professjoni ta' psikologa fil-Greċja, iżda l-awtoritajiet Griegi għandhom il-permess jimponu miżura kompensatorja skont id-Direttiva f'każ li jkun hemm kwistjonijiet sostanzjalment differenti.

Jekk il-petizzjonanta topponi l-miżura kumpensatorja mitluba, hija tista' tappella kontra d-deċizzjoni meħuda mill-awtoritajiet Griegi. Is-servizzi tal-Kummissjoni jixtiequ jiġbdu l-attenzjoni għad-Digriet Presidenzjali nru 38 (Ġurnal Uffiċjali tal-Gvern Grieg (FEK), A, nru 78, 25.05.2010, p. 01537-01652), li jittrasponi fil-liġi Griega d-Direttiva 2005/36/KE, speċjalment l-Artikolu 57 (li jittrasponi l-Artikolu 51 tad-Direttiva). L-Artikolu 51 tad-Direttiva jistipula li d-deċizzjoni ta' awtorità kompetenti dwar irrikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għandha tkun soġġetta għal appell skont il-liġi nazzjonali. Billi d-Direttiva kellha tkun trasposta fl-20 ta' Ottubru 2007, dan id-dritt ma jeżistix fir-rigward ta' deċizzjonijiet

li jkunu ttieħdu mill-awtoritajiet kompetenti qabel l-adozzjoni tad- Digriet Presidenzjali nru 38 ukoll. Jekk dan ma jkunx ta' fejda għaliha biex issib soluzzjoni sodisfaċenti, il-petizzjonanta tista' tikkuntattja lis-Solvit, li huwa netwerk fuq l-internet li jittratta problemi dwar l-applikazzjoni ħażina mill-awtoritajiet pubbliċi tal-liġi tas-Suq Intern, li l-Istati Membri jaħdmu flimkien biex isolvu bla proċedimenti legali. L-użu tas-Solvit huwa bla ħlas.